# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 33/2016

## tal-5 ta' Frar 2016

## li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE [2017/1316]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/2112 tat-23 ta' Novembru 2015 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 251/2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika strutturali kummerċjali fir-rigward tal-adattament tas-serje ta' dejta wara r-reviżjoni tal-klassifikazzjoni tal-prodotti skont l-attività (KPA) ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness XXI tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 1l (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 251/2009) tal-Anness XXI tal-Ftehim ŻEE:

"— **32015 R 2112**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2112 tat-23 ta' Novembru 2015 (ĠU L 306, 24.11.2015, p. 4)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) 2015/2112 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Frar 2016, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Frar 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

---

([1]) ĠU L 306, 24.11.2015, p. 4

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.